10 ta' Diċembru, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Assunta Cassar *versus* Avukat Dr. Carmelo Zammit ne.

## Lokazzjoni — Board tal-Kera — Separazzjoni Personali — Ġudikat

*Biex ikun hemm ġudikat jeħtieġu t-tliet elementi tal-istess persuni, l-istess oġġett, u l-istess kawża.*

*Jekk lokatur jaġixxi quddiem il-Board tal-Kera biex jieħu pussess tal-fond mikri kontra raġel li huwa mifrud legalment minn martu minħabba nuqqas ta' ħlas tal-kera, meta dak ir-raġel ma joqgħodx aktar fil-post u ħalla illi tibqa' fih martu, u f'dik il-kawża l-mara tkun interveniet "in statu et terminis", u l-Board tal-Kera, wara*

*li jikkunsidra illi l-mara ma tistax tippretendi li tiġi rikonoxxuta mill-lokatur bħala inkwilina tal-post minflok żewġha, jiddeċidi billi jilqa' t-talba tal-lokatur, u l-mara mbagħad tagħmel kawża quddiem it-tribunal ċivili kontra l-lokatur biex jiġi dikjarat u deċiż illi, b'effett tas-separazzjoni personali tagħha minn żewġha, hija akkwistat id-dritt li tibqa' fid-dar konjugali, u għalhekk li tiġi rikonoxxuta mill-lokatur bħala inkwilina tal-fond minflok żewġha, ma hux ostattiv għat-talba tagħha l-ġudikat naxxenti mis-sentenza tal-Board tal-Kera li ordnat ir-ripreża ta' pussess tal-fond favur il-lokatur; u dan għaliex tant l-oġġett kemm il-kawża fiż-żewġ ġudizzji huma diversi.*

*U dan apparti l-kwistjoni jekk hemmx ostakolu wkoll fil-fatt illi fil-proċediment quddiem il-Board tal-Kera l-mara kienet ħadet parti bħala sempliċi intervenuta "in statu et terminis", u għalhekk jekk hemmx ukoll ir-rekwiżit tal-"eaedem personae".*

*L-osservazzjoni li talvolta tista' ssir fis-sens illi l-kawża li għamlet il-mara tinvolvi l-istess punt kontrovers li ġie kunsidrat ukoll quddiem il-Board tal-Kera, ċjoè jekk hija kellhiex jew le d-dritt li tiġi rikonoxxuta bħala inkwilina, tista' talvolta ssib il-bażi tagħha fil-ġurisprudenza, kieku dak il-punt ġie msemmi fid-dispożittiv tal-pronunzja tal-Board; kienet anki talvolta ssib il-ġustifikazzjoni tagħha kieku, avvolja mhux inkluż fid-dispożittiv, dan kien inxindibbilment marbut mal-punt riżolut fil-konsiderando, b'mod li għandu jiġi nterpretat għat-tenur ta' dak il-punt; imma mhux ukoll meta ma jfurmax il-bażi ta' dak id-dispożittiv.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-18 ta' April, 1955, fejn hemm miġjuba t-talbiet tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġew respinti t-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-4 ta' Novembru 1955, li fiha hemm ukoll ir-rijassunt tal-istanza u tal-kontestazzjoni, li biha l-imsemmija sentenza ta' dik il-Qorti ġiet revokata u annullata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi inkorsi sa allura, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru bin-nofs bejn il-kontendenti; u ġie ordnat li l-atti jiġu rinvijati lil dik l-Qorti;

Rat is-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tas-17 ta' April, 1956, li biha ddeċediet billi laqgħet l-eċċezzjoni tar-"res judicata" sollevata mill-konvenut, u hekk irrespinġiet it-talbiet tal-attriċi; u ordnat li l-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bejn il-partijiet mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru għandha tħallsu l-attriċi; wara li kkunsidrat;

Illi fl-aħħar paragrafu tan-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu tat-30 ta' Novembru 1954 il-konvenut issottometta li kien qiegħed jagħti formalment l-eċċezzjoni tar-"res judicata". Dina l-Qorti dehrilha li dik l-eċċezzjoni ma kienetx ġiet sollevata b'mod formali u proċedurali, billi ma ngħatatx b'nota għaliha separata, u kwindi dehrilha li ma kellhiex tikkunsidraha, għaliex kienet qiesha mhix quddiemha. Il-Qorti tal-Appell, però, dehrilha illi f'dik in-nota l-konvenut kien issolleva formalment dik l-eċċezzjoni quddiem din il-Qorti, li għalhekk kien messha ddeċidietha b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu, kif titlob il-liġi. Kien għalhekk li s-sentenza ta' din il-Qorti ġiet annullata, u l-atti ġew rinvijati lilha għad-deċiżjoni ta' dik l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat, rigward din l-eċċezzjoni;

Illi l-konvenut jallega li fuq il-fatti ta' dina l-kawża sar pronunzjament mill-Board li Jirregola l-Kera b'deċiżjoni tal-11 ta' Mejju 1953, fil-kawża fl-ismijiet "Avukat Dr. Carmelo Zammit ne. vs. Joseph Cassar", u għalhekk għad-domanda attriċi tosta r-"res judicata". F'dan ir-rigward irid qabel xejn jiġi eżaminat jekk jikkonkorrux l-elementi tal-ġudikat kif pretiż mill-konvenut, għaliex, jekk hu hekk, "è assolutamente proibito al magistrato di prendere ad esame le deduzioni dirette a rimettere in quistione ciò che con esso è stato deciso" (Coen, voce Cosa Giudicata, Materia Civile, para. 317);

Biex ikun hemm il-ġudikat, jeħtieġ il-konkors ta' tliet elementi, jew l-istess persuni, l-istess oġġett, u l-istess kawża; jiġifieri, fi kliem ieħor, jeħtieġ li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni, fuq i-

istess oġġett, u għall-istess kawżali ("eaedem personae", "eadem res", "eadem causa petendi"), bħal fil-kawża l-ġdida; *jew, kif jinsab aħjar espress fid-Dritt* Ruman, "cum quaeritur haec exceptio noceat nec ne, inspiciendum est an idem corpus sit, quantitas eadem, idem jus, et an eadem causa petendi, et eadem conditio personarum; quae nisi omnia concurrunt, alia res est" (LL. 12, 13, 14, Dig. "De Exceptione rei judicatae");

Illi, in kwantu għall-ewwel element, jingħad li fil-kawża msemmija mill-konvenut l-attriċi kienet sempliċement interveniet "in statu et terminis", u ma kienetx ġiet ċitata mill-ewwel, *jew imsejħa fiha fil-kors tagħha.* Issa, hi regola li l-intervenut fil-kawża ma huwiex proprjament parti fil-kawża; fis-sens li, bħala regola, ma jistax jiġi liberat u lanqas kundannat. L-intervent spontaneu f'kawża għandu bħala effett uniku li jammetti l-intervenut biex jippreżenzja l-iżvolġiment tal-attijiet tal-kawża, ikun kemm ikun remot l-interess tiegħu, għad-differenza tal-imsejjaħ fil-kawża, li għandu jkollu nteress dirett fuq l-eżitu finali tal-kawża, b'mod li jista' jirrendieħ passibbli ta' kundanna jew kapaċi ta' liberazzjoni bħal kwalunkwe konvenut ieħor. L-intervenut fil-kawża għandu l-pożizzjoni ta' interessat, imma mhux ta' kontendent (Vol. IX, 761; XII, 52; XXI-II-234; XXV-II-55; XXXI-I-321). Imma t-"terzo" mhuwiex dak biss li jintervjeni fil-kawża, imma dak ukoll li jiġi msejjaħ fil-kawża li jkun hemm bejn ħadd ieħor;

It-"terzo" msemmi fid-dispożizzjoni tal-art. 961 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkomprendi anki l-dak li, waqt li jsostni r-raġunijiet, sew tal-attur sew tal-konvenut, u xi drabi wkoll id-drittijiet tiegħu fil-konfront tant tal-wieħed kemm tal-ieħor, jipprovoka deċiżjoni fil-limiti tal-azzjoni ntentata, li tistabbilixxi ċerti fatti u ċerti drittijiet tant favur kemm kontra tiegħu stess, mingħajr ma jiġi liberat jew kundannat. Skond l-interpretazzjoni mogħtija lill-art. 960 tal-imsemmi Kodiċi, it-"terzo" jista' jitlob huwa stess li jintervjeni fil-kawża, u ma hemmx bżonn ikun imsejjaħ fil-kawża fuq talba tal-partijiet. F'dak il-każ hu jiġi kunsidrat bħala kjamat in kawża, u mhux bħala wieħed li

ntervjena "in statu et terminis" (Vol. XXX-I-190). F'dan is-sens, l-attriċi għandha tiġi kunsidrata li kienet imsejħa, u kienet għalhekk parti f'dik il-kawża. Wara kollox, għalkemm hemm distinzjoni bejn il-kjamata fil-kawża u l-ammissjoni fil-kawża, l-oġġett tat-tnejn hu dak li jingħata d-dritt lill-persuna kjamata jew ammessa li taderixxi jew tagħmel oppożizzjoni għat-talbiet magħmula mill-kontendenti prinċipali, u li s-sentenza mogħtija fil-ġudizzji jkollha l-effett ta' "res judicata" anki fl-interess tal-persuna kjamata jew ammessa (Vol. XXXII-II-151);

Għalhekk, l-ewwel rekwiżit jikkonkorri;

Illi, in kwantu għat-tieni u t-tielet element, li qegħedin jiġu meħudin flimkien, jidhru wkoll li jikkonkorru, għalkemm forsi imperfettament. Infatti, l-oġġett ta' dik il-kawża u r-"ratio petendi" tagħha, li kienu r-ripreża ta' pussess mill-konvenut tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, għaliex Joseph Cassar, ir-raġel tal attriċi, ma kienx puntwali fil-ħlas tal-kera, ma għandhomx x'jaqsmu, apparentement, ma' dawk ta' din il-kawża, li huma l-kundanna tal-konvenut biex jirrikonoxxi lill-attriċi bħala inkwilina tiegħu tal-imsemmi fond, u, okkorrendo, jirrilaxxja r-relattivi riċevuti tal-kera f'isimha, għaliex hija ssubentrat minflok żewġha bħala inkwilina ta' dak il-fond. Imma, kif tajjeb jissottometti l-konvenut, f'dik il-kawża l-attriċi kienet interveniet appuntu biex turi li hija, u mhux żewġha, kienet l-inkwilina tal-fond; u dak il-Board, fil-motivi tad-deċiżjoni tiegħu, ikkunsidra espressament li l-attriċi ma kellha qatt id-dritt, fost oħrajn, li tiġi rikonoxxuta mill-konvenut bħala inkwilina tal-istess fond, u li teżiġi riċevuta fuq isimha. Hu magħruf li, għalkemm ma jistgħax jiġi eċċepit il-ġudikat fid-difett tar-rekwiżit tal-identità tad-domandi, il-ġudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, għalkemm mhux identika għal dik definita bil-ġudikat, tkun fondata fuq l-istess "ratio petendi" (Vol. XXVIII-I 519); u hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anki meta l-meritu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (Vol. XXX-I-131); u għalkemm, biex

jista' jiġi nvokat il-ġudikat hemm bżonn l-indentità tal-oġġett, din l-indentità ma hemmx bżonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni (Vol. XXXII-II-243);

L-attriċi ma tistax f'din il-kawża terġa' tiftaħ it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni, provokata minnha f'dik il-kawża, li ġa ġew diskussi f'kawża li għaddiet f'ġudikat (Vol. XXXII-II-249). Hu veru li dak il-Board ma semma xejn fid-dispożittiv tad-deċiżjoni dwar il-punt sollevat mill-attriċi f'dik il-kawża, u l-liġi tiddistingwi biċ-ċar bejn il-motivi u d-dispożittiv, b'mod li, biex jiġi stabbilit jekk is-sentenza ta' qabel tiġġustifikax l-eċċezzjoni tal-ġudikat, għandu jiġi eżaminat id-dispożittiv ta' dik is-sentenza, u mhux il-motivazzjoni tagħha (Vol. XXIX-I-1155); imma hu veru wkoll li r-raġunament fil-motivazzjoni ta' sentenza u l-konklużjonijiet meħuda minnha fil-kors tal-istess motivazzjoni, għalkemm din il-konklużjoni ma tiffurmax parti mid-dispożittiv tas-sentenza, jikkostitwixxu deċiżjoni impliċita, kemm il-darba dik il-konklużjoni tkun iffurmat il-bażi u kienet neċessarja biex twassal razzjonalment għad-dispożittiv espress. Deċiżjoni impliċita bħal din għandha l-awtorità kollha tal-ġudikat (Vol. XXVIII-I-740), billi hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja ta' dispożizzjoni espressa;

Il-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza; id-dispożittiv ma għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma għandu jiġi minn dan definit u spjegat (Vol. XXX-I-131). Għalhekk hu evidenti li bid-domanda magħmula mill-attriċi f'din il-kawża hija trid tid-distruġġi l-ġudikat fuq imsemmi; liema ħaġa ma tistax issir; għaliex, wara li sentenza tkun għaddiet f'ġudikat, mhumiex aktar ammissibbli eċċezzjonijiet ġodda li jkollhom l-iskop li jiddistruġġu jew jirrestrinġu l-ġudikat. Ir-regola "tantum judicatum quantum discussum" tipproċedi biss fis-sens li wara l-ġudikat jistgħu jiġu proposti, diskussi u ammessi, eċċezzjonijiet ġodda li jkunu konċiljabbli mal-ġudi-

kat (Coen, idem para. 146); u hu ċar li d-domandi fuq imsemmija tal-attriċi huma inkompatibbli mal-ġudikat fuq indikat. Il-ġudikat josta li jiġu sollevati kwistjonijiet ġodda assorbiti mill-ġudikat li jkun sar irrevokabbli (Coen, idem para. 322); u d-domandi fuq imsemmija jinsabu assorbiti b'dak il-ġudikat;

Għalhekk, it-tieni u t-tielet rekwiżit jikkonkorru wkoll;

Illi, ladarba jikkonkorru t-tliet rekwiżiti li huma meħtieġa biex tkun tista' tingħata b'suċċess l-eċċezzjoni tal-ġudikat, l-istess eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa;

Rat fol. 53 il-petizzjoni tal-attriċi, li biha din talbet li s-sentenza fuq imsemmija tas-17 ta' April, 1956, tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn akkoljiet l-eċċezzjoni tal-ġudikat u akkollat lill-attriċi l-ispejjeż tagħha u d-dritt tar-Reġistru, u konfermata fil-kumplament, billi tiġi miċħuda l-istess eċċezzjoni tal-ġudikat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat:**

Ma hemmx bżonn li tiġi riżoluta l-kwistjoni dwar jekk hemmx ir-rekwiżit tal-identità tal-persuni — kwistjoni konnessa mal-pożizzjoni ġuridika tal-intervenut fil-kawża; għaliex jonqos il-ġudikat minħabba li jonqsu ż-żewġ rekwiżiti l-oħra tiegħu tal-identità tal-oġġett u tal-identità tal-kawża;

Infatti, kwantu għall-identità tal-oġġett;

Fil-kawża quddiem il-Board tal-Kera — fol. 17 — intalab l-iżgumbrament ta' żewġ l-attriċi mill-fond "de quo". Dan hu l-oġġett; għax "per oggetto di una domanda s'intende ciò che è attualmente domandato ..........." (App. "Scicluna vs. Xuereb nomine", 19 ta' Ottubru 1885, Vol. X, p. 926);

U, kwantu għall-identità tal-kawżali ("causa petendi");

Din hija "l'origine della domanda (P.A. "De Ruggiero vs. Malfiggiani", 1 ta' April, 1867, Vol. IV, p. 76), ossiia l-obligazzjoni li hi għab-bażi tal-azzjoni ("mater actionis"). Issa, fil-kawża quddiem il-Board il-"fundamentum agendi" kien imqiegħed fil-mankata puntwalità tal-ħlas tal-kera. Fil-

kawża preżenti, l-oġġett tal-istanza hu li ssir deklaratorja fis-sens li l-attriċi issubentrat fid-drittijiet ta' żewġha bħala inkwilina, u li l-konvenut nomine jiġi kundannat jirrikonoxxiha bħala tali. Il-kawżali ("causa petendi") fil-proċess tal-lum hi li, skond is-sentenza tas-separazzjoni bejn l-attriċi u żewġha hi akkwistat id-dritt li tibqa' fid-dar konjugali;

Kif jidher ċar, għalhekk, tant ir-"res" kemm il-"causa petendi" huma diversi;

Jista' jiġi obbjettat, però, li l-kawża odjerna tinvolvi l-istess punt kontrovers li ġie kunsidrat ukoll fil-kawża quddiem il-Board, cioè jekk l-attriċi kelliex jew le d-dritt li tiġi rikonoxxuta bħala inkwilina. Din l-osservazzjoni kienet issib il-bażi tagħha fil-ġurisprudenza (Vol. XXIX-II-31), kieku l-punt issa imsemmi ġie riżolut fid-dispożittiv tal-pronunzja tal-Board. Kienet anki talvolta ssib il-ġustifikazzjoni tagħha kieku, avvolja mhux inkluż fid-dispożittiv, dan kien inxindibbilment marbut mal-punt riżolut fil-konsiderandi, b'mod li għandu jiġi nterpretat għat-tenur ta' dak il-punt (Vol. XXIV-I-160; XXVIII-II-614). Imma fis-sentenza tal-Board il-pożizzjoni tal-attriċi odjerna ġiet kommentata "obiter", u mhux b'mod li ffurmat il-bażi tad-dispożittiv; għax anzi, fil-konsiderando li immedjatament jippreċedi l-parti dispożittiva, jingħad "li għalhekk id-domanda hija pruvata kontra l-intimat, inkwilin tal-fond, u kwistjonijiet oħra huma estranei għall-meritu";

Ma jistgħax, għalhekk, raġjonevolment jingħad li ġiet, sija pure "impliciter", deċiża mill-Bord kwistjoni li l-Bord stess iddikjara estranea. Il-bażi tad-dispożittiv kienet li l-kerrej kien żewġ l-attriċi, u li l-morożità ġiet pruvata. Infatti, fil-konsiderando ta' qabel tal-aħħar, jingħad "li dwar il-meritu għandu wieħed josserva li l-kerrej tal-fond in kwistjoni huwa Joseph Cassar, u l-morożità li trid il-liġi kontra tiegħu hija pruvata";

Wieħed irid jistirakkja ż-żejjed biex jgħid li fis-sentenza tal-Board ġiet deċiża l-kwistjoni prospettata f'din il-kawża, ċjoè jekk il-mara miżżewġha, meta tintervjeni sentenza ta' separazzjoni personali bi ħtija ta' żewġha, għandiex id-

dritt li tibqa' bħala inkwilina fid-dar konjugali, speċjalment jekk żewġha jkun akkonsenta li hi tibqa' hemm;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija tas-17 ta' April 1956, u tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-ġudikat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Tordna li l-attijiet jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

---